

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0007/08

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Rosa Miguélez Ramos, Luis Manuel Capoulas Santos, Maria Badia i Cutchet, Alessandro Battilocchio, Katerina Batzeli, Bernadette Bourzai, Vincenzo Lavarra, María Isabel Salinas García u Giovanna Corda f'isem il-Grupp PSE  
lill-Kummissjoni

Suġġett: Id-Dieta Mediterranja: patrimonju intanġibbli ta' l-umanità

Waqt il-Kunsill tal-Ministri ta' l-Agrikultura li sar fi Brussell fis-16 ta' Lulju, il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat li se tagħti appoġġ sħiħ lill-proposta sabiex l-UNESCO tintalab li tirrikonoxxi d-dieta Mediterranja bħala parti mill-patrimonju intanġibbli ta' l-umanità. Din il-proposta saret minn Spanja, bl-appoġġ tal-Greċja, l-Italja, Franza u l-Portugal, fost oħrajn. Il-Kummissjoni ddikjarat ir-rieda tagħha li toffri l-mezzi u r-riżorsi kollha meħtieġa sabiex din il-proposta tiġi aċċettata.

Il-Kummissjoni tista' tispeċifika liema kienu l-azzjonijiet li ttieħdu favur din il-proposta?

Il-Kummissjoni hija lesta tfassal strateġija komuni u koordinata favur il-proposta?

Imressqa: 16.01.2008

Mibgħuta: 18.01.2008

Skadenza: 25.01.2008